MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 16/2011

Raymond **CARUANA**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-12 ta' April, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrenti talab li din il-Qorti (i) ssib li l-fatt li huwa ser ikun skonta erbatax-il xahar ħabs talli ma ħallasx multi li kien ikkundannat iħallas b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kien jikser il-jedd tiegħu li

jkun imħares minn trattament inuman u degradanti kif sanċit fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "l-Kostituzzjoni") u wkoll fl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni"), u (tordna) li l-multi l-oħra ma jiġux hekk konvertiti f'ħabs ulterjuri; u (ii) tagħti dawk il-provvedimenti opportuni u xierqa sabiex hu jingħata rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' April, 2011, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-11 ta' Mejju, 2011;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-6 ta' Mejju, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' b'mod preliminari, billi qal li jonqos l-interess ġuridiku fir-rikorrent, billi huwa kien ammetta l-akkużi kollha kontra tiegħu u b'hekk kien qed juri li ma kien qed jara l-ebda irregolarita' fil-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u ma jistax issa jqanqal ilmenti proċedurali fir-rigward ta' deċiżjonijiet li saru ġudikat; u wkoll li r-rikorrent naqas li jinqeda minn rimedji ordinarji li kienu disponibbli lilu bil-mezz tal-appell. Fil-mertu, laqa' billi qal li minn dak li jissemma fir-rikors promotur, ma seħħ l-ebda trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent kif imħares bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni. Il-multi nflitti fuq ir-rikorrent huma r-riżultat ta' sejbien ta' ħtija b'riżultat ta' proċess kriminali u l-istess multi jitħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u m'humiex multi jew penali amministrattivi taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied jgħid li wħud mill-multi li ngħataw lir-rikorrent kienu minħabba d-disprezz li wera lejn il-Qorti tal-Maġistrati meta naqas li jidher quddiemha minkejja li kien notifikat kif imiss;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2011[1], li bih tat direttivi dwar kif kellu jitmexxa s-smigħ tal-kawża, magħduda fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari;

---

[1] Paġ. 11 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-partijiet fl-10 ta’ Ġunju, 2011[2], bid-dokumenti mehmuża magħha;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat fl-14 ta’ Lulju, 2011[3], bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Lulju, 2011[4], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fl-20 ta’ Lulju, 2011[5];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fis-26 ta’ Awissu, 2011[6], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat ir-rikors imressaq mir-rikorrent fit-13 ta’ Novembru, 2012[7], u t-tweġiba għalih imressqa mill-intimat fit-3 ta’ Diċembru, 2012[8], dwar jekk għal dan il-każ il-Qorti għandhiex tqis jekk jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta’ jedd fundamentali. Ir-rikorrent jgħid li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx trattat b’mod inuman u degradanti għaliex intbagħat il-ħabs talli naqas li jħallas multi li kien kundannat iħallas b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati. Huwa jgħid li t-tħaddim

[2] Paġġ. 12 sa 39 tal-proċess
[3] Paġġ. 44 sa 71 tal-proċess
[4] Paġ. 77 tal-proċess
[5] Paġġ. 79 sa 82 tal-proċess
[6] Paġġ. 83 sa 94 tal-proċess
[7] Paġ. 104 tal-proċess
[8] Paġ. 108 tal-proċess

tal-liġi li tibdel in-nuqqas ta' ħlas ta' multi f'jiem ta' detenzjoni esponietu għal żmien twil ta' detenzjoni fil-ħabs, liema fatt huwa kastig sproporzjonat u eċċessiv meta mqabbel man-nuqqas li għalih sata' kien jaħti;

Illi għal din l-azzjoni l-intimat laqa' billi, b'mod preliminari, qal li jonqos l-interess ġuridiku fir-rikorrent, billi huwa kien ammetta l-akkużi kollha kontra tiegħu u b'hekk kien qed juri li ma kien qed jara l-ebda irregolarita' fil-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u ma jistax issa jqanqal ilmenti proċedurali fir-rigward ta' deċiżjonijiet li saru ġudikat; u wkoll li r-rikorrent naqas li jinqeda minn rimedji ordinarji li kienu disponibbli lilu bil-mezz tal-appell. Fil-mertu, laqa' billi qal li b'dak li jissemma fir-rikors promotur, ma seħħ l-ebda trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent kif imħares bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni. Il-multi nflitti fuq ir-rikorrent huma r-riżultat ta' sejbien ta' ħtija b'riżultat ta' proċess kriminali u l-istess multi jitħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u m'humiex multi jew penali amministrattivi taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied jgħid li wħud mill-multi li ngħataw lir-rikorrent kienu minħabba d-disprezz li wera lejn il-Qorti tal-Maġistrati meta naqas li jidher quddiemha minkejja li kien notifikat kif imiss;

Illi minn dak li joħroġ mill-provi mressqin mill-partijiet jirriżulta li f'Diċembru tal-1996, ir-rikorrent kiseb ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Dak iż-żmien kien tqabbad biex jagħmel xogħol ta' żebgħa u tibjid ta' xi uffiċini, iżda wara xi xahar u nofs twaqqaf minn dak ix-xogħol u jgħid li ma ħadimx aktar bħala *self-employed* wara dak iż-żmien[9];

Illi r-rikorrent naqas li jibgħat id-denunzji tal-V.A.T meta kellhom jintbagħtu. Fl-2004, id-Dipartiment ħa passi u talab lill-Pulizija Eżekutiva tressaq lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta[10]. Ir-rikorrent ammetta x-xiljiet[11].

[9] Xhieda tar-rikorrent 28.6.2011, f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[10] L-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XXIII tal-1998)
[11] Dok "E", f'paġ. 22 tal-proċess

B'sentenzi mogħtijin fit-18 ta' Novembru tal-2004[12], il-Qorti immultatu u tatu żmien biex jirregola ruħu bil-mili tal-formoli meħtieġa, fin-nuqqas ta' liema kien isir passibbli għal multa kuljum sakemm iwettaq dak lilu ordnat mil-liġi. Ir-rikorrent ma appellax mill-istess sentenzi. L-istess ġara f'żewġ sentenzi oħrajn mogħtijin mill-istess imsemmija Qorti kontra r-rikorrent fis-17 ta' Frar, 2005[13], u fl-14 ta' Settembru tal-2006[14]. Fiż-żewġ każi wkoll, ir-rikorrent ammetta l-akkużi u ma ressaqx appell mis-sentenzi mogħtijin[15];

Illi matul is-smigħ tal-proċeduri msemmija, kien hemm drabi fejn ir-rikorrent kien naqas li jidher, minkejja li kien imħarrek kif imiss, u għal dan il-Qorti kienet ikkundannatu għad-disprezz għal somma ta' disa' mija u għoxrin lira Maltin (Lm 920)[16]. Billi r-rikorrent baqa' ma ħallasx dawk il-multi, l-Qorti tal-Maġistrati bidlithom f'detenzjoni skond il-liġi;

Illi b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2008[17], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati li naqas li jwettaq dak li kien ordnat jagħmel bis-sentenza tas-17 ta' Frar, 2005, wara li huwa ammetta x-xilja, u immultatu. Ir-rikorrent ma ressaqx appell minn dik is-sentenza[18]. L-istess ħaġa ġara fil-11 ta' Novembru, 2009[19], meta l-imsemmija Qorti sabet lir-rikorrent ħati u tat tliet sentenzi talli huwa naqas li jwettaq dak li kien ordnat jagħmel fis-sentenzi tat-18 ta' Novembru, 2004, u tal-14 ta' Settembru, 2006;

Illi r-rikorrent baqa' ma għamel xejn sa Frar tal-2008, meta kien mar id-Dipartiment u, bl-għajnuna ta' uffiċjal, kien mela d-denunzji kollha li kellhom jimtlew sa dak inhar li r-reġistrazzjoni tiegħu tħassret mill-istess Dipartiment[20];

[12] Dokti "A" u "B", f'paġġ. 14 – 7 tal-proċess
[13] Dok "Ċ", f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[14] Dok "D", f'paġġ. 20 – 1 tal-proċess
[15] Dok "E", f'paġ. 22 tal-proċess
[16] Dokti "F" sa "M" f'paġġ. 23 – 30 tal-proċess
[17] Dok "N", f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess
[18] Dok "R", f'paġ. 39 tal-proċess
[19] Dokti "O", "P" u "Q", f'paġġ. 33 – 8 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Paul Scicluna 14.7.2011, f'paġġ. 74 – 5 tal-proċess

Illi f'Jannar tal-2010, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[21] li bih talab li dik il-Qorti jogħġobha tikkonverti l-multa li r-rikorrent kien ikkundannat iħallas fis-sentenza tat-23 ta' Jannar, 2008 f'detenzjoni, minħabba li r-rikorrent baqa' ma ħallashiex, minkejja li kien ingħata żmien biex jagħmel dan. Il-Qorti laqgħet it-talba dak inhar;

Illi mbagħad, bejn Mejju u Lulju tal-2010, l-imsemmi Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq rikorsi oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jogħġobha tibdel fi priġunerija l-multi li kienet ikkundannat lir-rikorrent iħallas minħabba li kien naqas li jidher quddiemha u għad-disprezz[22]. It-talbiet intlaqgħu kollha bl-għoti tad-degrieti relativi;

Illi fit-12 ta' April, 2011, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex <u>tikkunsidra l-aspetti legali</u> marbutin mal-każ. Minħabba li l-intimat qajjem eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li baqa' ma irrinunzjax għalihom, dawn iridu jitqiesu qabel kull ħaġ'oħra. F'dan ir-rigward, l-intimat qajjem (i) l-eċċezzjoni li jonqos fir-rikorrent l-interess li huwa jressaq din il-kawża; u (ii) l-eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedju mogħti mil-liġi qabel ma għadda biex fetaħ din il-kawża ta' natura kostituzzjonali;

Illi **dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** l-intimat jisħaq li ladarba r-rikorrent ammetta l-akkużi li huwa kien mixli bihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, m'għandux interess li jressaq din l-azzjoni tiegħu tallum, ladarba b'dak li għamel kien jaf x'ikunu l-konsegwenzi u ma jixraqx li issa jilminta minn ksur ta' jedd fundamentali b'imġiba li hu nnifsu ġab b'idejh;

Illi għal dan l-argument ir-rikorrent jirribatti billi jxebbah il-każ tiegħu ma' dak ta' ħaddieħor li wkoll kien ġarrab il-

[21] Dok "N1", f'paġġ. 68 – 70 tal-proċess
[22] Dokti "F1" sa "M1", f'paġġ. 45 sa 67 tal-proċess

kundanna tad-detenzjoni minħabba ksur ta' obbligazzjoni (l-garanzija fl-għoti tal-ħelsien mill-arrest), iżda xorta waħda kellu jedd li jilminta minn ksur ta' jedd fundamentali tiegħu[23];

Illi l-Qorti tqis li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawżi taħt din il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali[24] u l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;

Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali[25], u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq[26];

Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[27];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[28], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni

---

[23] Ara Kost **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onorevoli Prim Ministru et*** (Rik. 38/07)
[24] P.A. (Kost.) RCP **19.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et***
[25] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[26] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[27] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[28] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)

ma tistax treġi[29]. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[30] ;

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha[31], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għallanqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[32];

Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[33]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem[34];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[35], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[36];

Illi, minħabba li kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diġa' nkiser jew qiegħed jinkiser b'xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-biżgħa tal-ksur ta' dak il-jedd, joħroġ li f'każ bħal dan l-element tal-interess ġuridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan m'għandux ikun

---

[29] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[30] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[31] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[32] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[33] Ara PA. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257)**; u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[34] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)
[35] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[36] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)

ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-prinċipji fuq imsemmija, għaliex l-interess ġuridiku mistenni xorta waħda jirriżulta fejn, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat ikun wieħed rejali u imminenti[37];

Illi lanqas ma jintilef dan l-interess jekk il-parti mġarrba ma tagħżilx li tqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" huma u għaddejjin proċeduri oħrajn li mbagħad minnhom wieħed jilminta minn ksur ta' xi jedd fundamentali. It-tqanqil tal-"kwestjoni kostituzzjonali" hija fakultativa, u l-għażla li parti f'kawża li ma tinqediex biha (għaliex, wara kollox, ir-riferenza m'hijiex tal-parti li tqajjimha iżda tal-Qorti li taċċetta li tirreferi l-kwestjoni) ma twaqqafx ir-rimedju li dik il-parti tadixxi lil din il-Qorti direttament għal rimedju taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319;

Illi l-Qorti tqis li fil-każ li għandha quddiemha llum, ir-rikorrent tassew għandu l-interess li jmexxi 'l quddiem il-kawża mibdija minnu, mhux biss minħabba li l-ilment imqajjem minnu jinċidi b'mod dirett fuq il-ħarsien tal-jedd tiegħu li ma jitqiegħedx f'sitwazzjoni li ġġiblu ksur tal-ħelsien tiegħu, iżda wkoll għaliex, minbarra l-pwieni li diġa' ġarrab, huwa qiegħed jantiċipa li se' jkollu jerġa' jgħaddi minn din l-esperjenza minħabba li għad hemm proċeduri oħrajn li jistgħu jtennu l-istess ġrajja fir-rigward ta' sentenzi oħrajn mogħtijin kontrih u li għadhom ma ġewx eżegwiti;

Illi, għalhekk, din l-eċċezzjoni ma hija tajba u l-Qorti m'hijiex sejra tilqagħha;

Illi **dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari** l-intimat jgħid li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' u tqis l-ilment tar-rikorrent, minħabba li huwa kellu rimedji oħrajn "ordinarji" li naqas li jinqeda bihom fil-waqt xieraq. F'dan ir-rigward, l-intimat isemmi n-nuqqas tar-rikorrent li jappella mis-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati u wkoll in-nuqqas tar-rikorrent li

[37] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph magħruf bħala Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et***

jinqeda bir-rimedju maħsub fit-tieni *proviso* tal-artikolu 76 tal-Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrent iwarrab din l-eċċezzjoni billi jgħid li l-kawża tiegħu ma tistax titqies li saret b'mod intempestiv;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[38]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap

[38] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

319 tal-Liġijiet ta' Malta[39] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[40];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[41];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[42];

Illi f'dan il-każ, il-Qorti tqis li, safejn sata', ir-rikorrent ipprova jinqeda bi proċeduri li bihom ipprova jmewwet l-effetti tas-sentenzi mogħtija kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati, u dan kemm b'rikors quddiem l-istess Qorti u kif ukoll fis-sura ta' petizzjoni għall-maħfra presidenzjali. Iżda, l-Qorti tifhem li l-ilment tiegħu jmur lil hinn minn dawk ir-rimedji u l-fatt li sata' waqqaf l-effetti tas-sentenzi li ngħataw kontra tiegħu ma jindirizzax il-qalba tal-ilment li ressaq fil-kawża tiegħu tal-lum, u jiġifieri jekk it-tħaddim tal-istess eżekuzzjoni tas-sentenzi (li l-effett tagħhom huwa d-detenzjoni attwali tiegħu fil-ħabs) tiksirx il-jedd fundamentali minnu invokat. Il-Qorti jidhrilha li tkun qiegħda tfarfar malajr mir-responsabbilta' tagħha li twettaq dmirijietha jekk kemm-il darba tagħżel li ma twettaqx f'dan il-każ is-setgħat tagħha li tqis dak l-ilment;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti issib li lanqas din l-eċċezzjoni preliminari ma hija tajba u mhix sejra tagħżel li ma twettaqx is-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi li tisma' u tqis l-ilment tar-rikorrent;

---

39 Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
40 Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
41 Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
42 Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

Illi **fil-mertu**, l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq allegazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali wieħed u l-kawżali tar-rikors promotur jispeċifikaw li dan huwa l-jedd imħares bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizża l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*";

Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, r-rikorrent iddikjara li l-każ tiegħu kien "xprunat" fuq il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem f'sentenza mogħtija kontra Malta[43]. Dik il-kawża kienet titkellem dwar meta persuna tintbagħat isservi żmien fil-ħabs talli tkun naqset li tħallas is-somma tal-garanzija li taħtha tkun intrabtet meta tkun ingħatat il-liberta' provviżorja u tkun kisret xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat dik il-liberta'[44]. Il-Qorti tinnota li s-sentenza li jsemmi r-rikorrent ma kenitx sabet ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, iżda ksur ta' artikolu ieħor li, fil-każ tal-lum, ir-rikorrent ma jsemmix. Billi r-rikorrent (minkejja li, bla dubju ta' xejn, kien jaf bl-imsemmija sentenza ta' dik il-Qorti) għażel li jqiegħed il-każ tiegħu fuq l-ħelsien minn trattament inuman u degradanti, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq is-sentenza msemmija mir-rikorrent għas-soluzzjoni tal-ilment tiegħu;

Illi għalkemm ma toħroġx wisq ċara mill-premessi tar-Rikors Promotur, jidher li l-ilment tar-rikorrent huwa dwar trattament jew piena degradanti. Tassew li huwa jsemmi kemm trattament inuman u kif ukoll trattament degradanti.

[43] Q.E.D.B. **27.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Malta*** (Applik. Nru. 28221/08)
[44] Art. 586 tal-Kap 9

Iż-żewġ kunċetti m'humiex l-istess, għaliex filwaqt li tal-ewwel dejjem jgħodd fih tat-tieni, ma jfissirx li kull trattament degradanti huwa wkoll trattament inuman[45];

Illi bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[46] Imġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[47], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[48];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[49] jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[50]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[51];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li bħala regola, l-għoti ta' sentenza li tikkundanna lil persuna skond il-liġi ma ġġibx fis-seħħ it-tħaddim ta' ksur tal-jedd għal ħelsien

---

[45] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[46] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1

[47] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)

[48] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)

[49] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni

[50] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)

[51] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**

minn trattament inuman jew degradanti[52], sakemm ma jidħlux fil-piena nnifisha ċerti kundizzjonijiet jew effetti li jeffettwaw is-saħħa tal-persuna hekk misjuba ħatja (per eżempju, swat jew tiġrib ieħor fiżiku) jew il-ħajja tal-ħati (per eżempju, l-għoti ta' piena tal-mewt jew dewmien fi stat li jistenna l-eżekuzzjoni ta' dik il-piena);

Illi r-rikorrent naqas li juri li ż-żamma tiegħu fil-ħabs bħala konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija min-naħa tiegħu kienet waħda li ġġib fis-seħħ il-konsiderazzjonijiet li saru hawnhekk. Jifdal li wieħed jara jekk kemm-il darba l-piena fiha nnifisha mogħtija lir-rikorrent iġġibx ksur tal-jedd minnu invokat. Fil-fehma tal-Qorti, ma ntweriex li dan huwa l-każ u f'dan ir-rigward hija tislet il-fehma magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza f'kawża li wkoll laqtet aspetti li jixxiebhu ma' din li l-Qorti għandha quddiemha llum. Ingħad li "*Id-detenzjoni ta' l-appellant b'rata pre-stabbilita sakemm huwa jħallas dak li huwa obbliga ruħu li jħallas, la oġġettivament u lanqas soġġettivament (f'dan il-każ ma inġiebux xi provi taħt l-aspett soġġettiv) ma tersaq imqar lejn il-minimu ta' dak li huwa rikonoxxut bħala li jammonta għal piena jew trattament inuman jew degradanti*"[53];

Illi wieħed ma jridx jinsa wkoll li r-rikorrent min-naħa tiegħu u b'imġibtu, naqas għal tul ta' żmien milli jwettaq dak li l-liġi kienet tistenna minnu. Kif jgħid l-intimat fis-sottomissjonjiet tiegħu, dak li ġarrab ir-rikorrent kien il-frott ta' traskuraġni li nisslet l-effetti li issa qiegħed jilminta minnhom u liema traskuraġni ma kenitx furzata fuqu minn ħaddieħor;

Illi minkejja dan, il-Qorti qiegħda tqis ukoll iċ-ċirkostanza partikolari li l-biċċa l-kbira miż-żmien li r-rikorrent kellu jqatta' miżmum il-ħabs kien dwar nuqqasijiet li wieħed jista' jqishom bħala "tekniċi". Kemm hu hekk, il-kundanni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati lir-rikorrent kienu jirrigwardaw nuqqasijiet amministrativi (konsistenti fin-nuqqas ta' mili u tressiq fil-ħin ta' denunzji) u mhux ta' evażjoni ta' taxxa. Mill-provi ħareġ li meta r-rikorrent

[52] Q.E.D.B. **26.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Kudla vs Polonja*** (Applik. Nru. 30210/96) §§ 91 - 9
[53] Kost. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et***

wasal biex wettaq dak li kien mistenni minnu, irriżulta li ma kien hemm l-ebda taxxa li kellha titħallas u li l-eżerċizzju kollu kien wieħed klerikali għall-aħħar. F'qagħda bħal din, il-Qorti tagħraf li dak li kellu jsir ried isir għax hija r-rieda tal-liġi u b'ħarsien tagħha. Iżda l-Qorti tħoss li ma tistax ma tagħrafx nuqqas ta' din l-għamla minn ieħor fejn il-kontribwent ikun evada t-taxxa jew il-ħlas tagħha u tħoss li dan għandu jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż;

Illi fl-aħħarnett, issir riferenza għat-talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tat-13 ta' Novembru, 2012, biex din il-Qorti tistħarreġ l-ilment tiegħu wkoll fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja;

Illi l-intimat warrab bil-qawwa l-istedina tar-rikorrent għaliex tenna li din saret wara li t-trattazzjoni tal-kawża kienet ingħalqet, meta r-rikorrent qatt ma kien formalment qanqal din il-kwestjoni u wkoll għaliex, fiċ-ċirkostanzi tal-kawża tal-lum, id-dispożizzjonjiet ta' dik il-Karta ma jgħoddux għall-każ;

Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-imsemmija Karta llum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija[54] u li l-Qrati Maltin iridu jqisu u jħaddmu bħalma jħaddmu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett;

Illi għalkemm ir-rikorrent jirreferi għal "ċertu provvediment li jinsab fiċ-*Charter*" jidher li qiegħed jirreferi għall-Artikolu 49 tagħha, li jitkellem dwar Prinċipji ta' Legalita' u Proporzjonalita' ta' Reati u ta' Pwieni. B'mod partikolari, issir riferenza għad-dispożizzjoni tas-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu li jgħid li l-ħruxija tal-pwieni ma tridx tkun sproporzjonata mar-reati li għalihom tapplika;

Illi l-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-Rikors promotur huwa sewwasew dak li l-piena ta' detenzjoni li għaliha hu suġġett hija ħarxa żżejjed meta mqabbla mal-għamla ta' reat li għalih kien instab ħati. Iżda, kif sewwa issottometta l-intimat, it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Karta huwa maħsub għal

[54] Ara art. 3(1) tal-Kap 460

ċerti ċirkostanzi partikolari. Kemm hu hekk, l-artikolu 51 tal-imsemmija Karta jipprovdi li "(*1) Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati*";
Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent fil-kawża tal-lum jissejjes fuq it-tħaddim ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. Imkien ma jallega u minn imkien ma jidher li sejjes dak l-ilment fuq it-tħaddim ta' "liġi tal-Unjoni". Għaldaqstant, il-Qorti ma tħossx li għandha tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent ukoll fil-qafas tal-provvediment msemmija ta' dik il-Karta;
Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent naqas li juri li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal piena degradanti u għalhekk l-ewwel talba tiegħu m'hijiex sejra tintlaqa'.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat għaliex m'humiex tajbin, u ssib li r-rikorrent għandu l-interess ġuridiku li jmexxi din il-kawża u wkoll li m'huwiex il-każ li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha "kostituzzjonali" li tisma' l-ilment tiegħu;

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrent billi ma ssibx li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u b'hekk ma hemmx raġuni għala m'għandhiex titħaddem il-liġi dwar il-multi l-oħrajn li r-rikorrent weħel u naqas li jħallas;

**Tiċħad it-tieni talba** billi din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, kull parti tħallas l-**ispejjeż tagħha tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------